# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tal-lum it-Tlieta, 9 ta' April 2019**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 62/2019/LSO**

**Carmel Mifsud (KI 496354M) u martu Maria Grazja (Sive Grace) Mifsud (KI 28558M), u Sammy Mifsud (KI 73484M)**

**vs**

**Carmelo Sciberras (KI 566635M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors mahluf guramentat ta' Carmel Mifsud (Kl 496354M) u martu Maria Grazja (Sive Grace) Mifsud (Kl 28558M), u Sammy Mifsud (Kl 73484M), datat 22 ta' Jannar 2017 fejn bil-gurament taghha esponew:-

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' porzjon ta' art f'Valletta Road, Imqabba tal-kejl ta' cirka elfejn disa' mija u sitta u erbghin metri kwadri (2946$m^2$) konfinanti tramuntana ma' Valletta Road, mill-irjieh l-ohra mat-triq qabel maghrufa bhala Valletta Road, inkluz il-*garage* li kien hemm mibni fiha fil-mument tal-akkwist u liema *garage* kien dikjarat li hu okkupat minn bidwi;

Illi l-imsemmija proprjeta` giet akkwistata mill-esponenti in forza ta' kuntratt pubbliku tas-sittax (16) ta' Jannar elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), atti nutar Dottor Mario Bugeja (kopja Dok A);

Illi l-intimat qed jokkupa parti mill-art proprjeta` tal-esponenti u dan b'mod illegali abbuziv u kif ukoll qed jippermetti nies ohra, prezumibbilment qraba tieghu, sabiex jokkupaw l-istess art;

Illi inoltre l-intimat wettaq u/jew ippermetta li jsiru xoghlijiet fuq l-istess art u dan b'mod abbuziv u illegali;

Illi l-intimat diga' gie interpellat ufficjalment biex jizgombra inkluz permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru 2018 (kopja Dok B) izda baqa' inadempjenti u ma wegibx;

Illi l-entita` shiha tal-art akkwistata mill-esponenti bil-kuntratt tas-16 ta' Jannar 1987 hija mmarkata bil-kulur isfar fuq is-*siteplan* annessa (Dok C);

Illi safejn jafu l-esponenti, l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq;

Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna, prevja dikjarazzjoni li l-intimat ma jgawdi l-ebda titolu fuq l-art *de quo*, l-izgumbrament tal-intimat mill-proprjeta` tal-esponenti u senjatament porzjon ta' art f'Valletta Road, Imqabba tal-kejl ta' cirka elfejn disa' mija u sitta u erbghin metri kwadri ($2946m^2$) konfinanti tramuntana ma' Valletta Road, mill-irjieh l-ohra mat-triq qabel maghrufa bhala Valletta Road, inkluz il-*garage* li kien hemm mibni fiha fil-mument tal-akkwist u liema *garage* kien dikjarat li hu okkupat minn bidwi, u liema proprjeta` giet akkwistata mill-esponenti in forza ta' kuntratt pubbliku tas-sittax (16) ta' Jannar elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), atti nutar Dottor Mario Bugeja.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat, ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Frar 2019 fid-9:30a.m. b'ordni lill-intimat biex jidher f' dik il-gurnata u jwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Ordnat in-notifika tal-avviz tas-smigh tar-rikors lill-partijiet permezz tal-purtier.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduti kollha nkluz dak tat-Tlieta, 9 ta' April 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur Sammy Mifsud assistit minn Dr Gauci. Il-kawza giet posposta ghan-12:30p.m. Meta regghet issejhet il-kawza deher l-attur Sammy Mifsud assistit minn Dr John Gauci u Dr Ruth Ellul. Deher Dr Ian Stafrace ghall-intimat li nforma lill-Qorti li gie nfurmat li Carmelo Sciberras ma huwiex f'kundizzjoni li jattendi ghas-seduta odjerna, tant li lilu avvicinawh Nikola u Nazzareno ahwa Sciberras, u talab zmien biex iressaq prova f'dan ir-rigward. Dr John Gauci jirrileva li semmai tali prova kellha titressaq fis-seduta tal-lum, u apparti dan il-klijent tieghu qieghed jinfurmah, u jista' jikkonfermah anke bil-gurament, li Carmelo Sciberras huwa fi stat ta' sahha tajjeb u li l-persuna msemmija llum fil-verbal tal-kollega, u senjatament Nikola Sciberras, ilu mejjet ghal numru ta' snin. Xehed bil-gurament tieghu Sammy Mifsud, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika.

INGHATA DIGRIET:

Il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Sammy Mifsud, u wara li rat li l-intimat ilu notifikat mit-22 ta' Marzu 2019 u li ma ngabet l-ebda prova dwar xi allegat debilitazzjoni tieghu;

U kkonsidrat li din l-allegazzjoni hija kontradetta bix-xhiedha bil-gurament mehud illum minn Sammy Mifsud;

Wara li rat li l-Art 170 (1) tal-Kap 12 hija tassattiva, u li hemm konfliggenza ta' provi dwar jekk il-konvenut ghandux raguni gustifikabbli ghall-assenza tieghu llum, liema prova kienet tinkombi fuq il-konvenut;

Inoltre lanqas baghat xi membru tal-familja biex jidher ghalih ghall-fini ta' dawn il-proceduri, tichad it-talba u tordna l-prosegwiment tal-kawza *ai termini* tal-Art 167 tal-Kap 12.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti,

Peress li l-konvenut debitament notifikat ma deherx u lanqas ressaq prova biex jispjega l-assenza tieghu, taqta' u tiddeciedi *ai termini* tal-Art 167 *et sequens* tal-Ligijiet ta' Malta, billi tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti billi ssibhom gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u ghal fini tat-tieni (2) talba tordna lil intimat sabiex jizgombra mill-proprjeta` in mertu fi zmien xahar mil-lum.

L-ispejjez jigu ssopportati mill-intimat.

**Deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**9 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**9 ta' April 2019**